# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 13 ta' Lulju, 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jean Paul Attard)**
**vs**
**Giovanni Trio**

**Kumpilazzjoni Numru: 368/2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Giovanni Trio, iben Stefano u Maria Giovanna nee' Calderone, imwieled ġewwa Messina, L-Italja (Sqallija), nhar is-26 ta' Awwissu 2000, preżentament residenti ġewwa Mon Reve, 38, Triq Don V. Scicluna Hernandez, Ħal-Għaxaq u detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru CA46836CG.

Akkuzat talli talli nhar it-12 ta' Lulju 2022 bejn is-sebgħa u nofs ta' filgħodu (0730 hrs) u t-tmienja ta' filgħaxija (0800 hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel fi Triq George Borg Olivier, San Ġiljan u/jew postijiet oħra ġewwa l-Gżejjer Maltin:-

1. Issoggetta lil Alix Stephanie Planet għal xi att u, jew imġieba li ghandha konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolemnt jiġu kkunsidrati bħala

offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha, u aktar talli dan id-delitt fuq jew fil-preżenza ta' minuri;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi ħebb kontra Alix Stephanie Planet sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi ta qtajja jew beżża' lil Alix Stephanie Planet, b'mod li jista'jagħmillu ħsara;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi mbotta lil Alix Stephanie Planet fit-triq biex iweġġgħaha jew jinsultaha.

Il-Qorti giet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Alix Stephanie Planet jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikoli 383 u 412Ċ tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghti zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina pneali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 251A(1)(e), 251H(d), 338(dd), 39(1)(d), 339(1)(i) u 339(1)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **disa' (9) xhur prigunerija li b'applikazzjozni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn (2) .**

In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28G ta' l-istess Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta' Supervizzjoni ghal perjodu ta' sentejn (2)** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

In konkluzzjoni, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, sa biex tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmija Alix Stephanie Planet qed tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta Trazzin ghal perjodu ta' sentejn (2)** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-Ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lidiDirettur ta'l-Ufficiju tal-Probation

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**